MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2009

Rikors Numru. 657/2009

**DIS EQUIPMENT RENTAL LTD. (C-45248)**

vs

Rachid **LACCHEB** u Miguel Mifsud f'isimhom proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Atlantic Scaffolding Ltd.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Rachid Laccheb u Miguel Mifsud *proprio u nomine* fit-8 ta' Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tikkundanna lill-intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "DIS") tħallashom penali kif maħsub fl-artikolu 836(8); u (iii) f'każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' l-ewwel talba, torbot lil DIS biex tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimata tonqos li tressaq il-garanzija fiż-żmien lilha mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti *nomine*;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fis-27 ta' Lulju, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qalet li t-talbiet tar-rikorrenti eżekutata m'għandhomx jintlaqgħu;

Rat ir-rikors imressaq mill-eżekutati fit-30 ta' Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu t-tneħħija mill-atti tan-Nota ta' DIS;

Rat id-dokumenti mressqa mir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrenti fil-kwalita' tagħhom fuq imsemmija, qegħdin jitolbu wkoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti (DIS) biex tħallas penali skond l-artikolu 836(8) u, f'każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tagħhom għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, li DIS tagħti garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li tonqos li tagħmel dan fiż-żmien mogħti lilha, tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li għal xi żmien, l-eżekutati Laccheb u Mifsud kienu jagħtu xogħol fuq inkarigu ta' waħda mill-kumpanniji tal-grupp ta' DIS fil-qasam tal-armar ta' sistemi ta' *scaffolding* ma' bini li fih ikunu se' jsiru xogħlijiet ta' restawr. Fost il-proġetti kien hemm xogħlijiet fil-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid. Fi Frar ta' din is-sena, xi diretturi ta' DIS daħlilhom suspett li l-eżekutat Laccheb kien ġarr xi tagħmir tagħha u żammu għalih. Tkeċċa mill-impieg[1] u sar rapport lill-Pulizija minn DIS dwar allegata misapproprjazzjoni min-naħa tiegħu. Wara li ntemm

[1] Dok "RL2", f'paġ. 8 tal-atti

l-impieg tal-eżekutati, dawn iffurmaw il-kumpannija eżekutata għall-ħabta ta’ Marzu ta’ din is-sena;

Illi fit-3 ta’ Ġunju, 2009, DIS talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat mertu tal-proċedura tal-lum fuq somma ta’ tnejn u tletin elf seba’ mija u tnejn u tmenin euro u sebgħin ċenteżmi (€ 32,782.70), fuq il-kawżali ta’ “valur ta’ makkinarju proprjeta’ tar-rikorrenti misapproprjati mill-intimati”. Is-sekwestratarji kienu erba’ (4) banek kummerċjali lokali;

Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta’ dritt trid tqis it-talba tar-rikorrenti magħmula bir-rikors tagħhom tat-30 ta’ Lulju, 2009. F’dak ir-rikors, huma qegħdin jitolbu t-tneħħija mill-atti tan-Nota mressqa minn DIS fl-24 ta’ Lulju. Ir-raġuni mogħtija mir-rikorrenti eżekutati hi li l-imsemmija Nota ddaħħlet wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

Illi l-liġi[2] trid li n-Nota (flimkien mad-dokumenti li l-parti eżekutanti jidhrilha xieraq li tressaq) trid titressaq fi żmien sebat ijiem min-notifika. DIS laqgħet in-notifika tar-Rikors għat-tħassir tal-mandat fis-17 ta’ Lulju, 2008. Ressqet in-Nota tagħha fis-27 ta’ Lulju, 2009, u għalhekk tassew wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tal-eżekutati tat-30 ta’ Lulju, 2009, billi tordna li n-Nota ta’ DIS titneħħa mill-atti u l-Qorti tqis it-talba tal-eżekutati bla ma tqis ir-rimarki magħmula minn DIS f’dik in-Nota tagħha;

---

[2] Art. 836(3) tal-Kap 12

Illi dan ma jfissirx li bit-tneħħija tal-imsemmija Nota t-talba tal-eżekutati trid titntlaqa' awtomatikament, bħalma kien jipprovdi espressament l-artikolu 836(3) tal-Kodiċi qabel seħħew fih il-bidliet tal-aħħar. F'dawn il-bidliet, li fihom ġie stabilit iż-żmien tas-sebat ijiem imsemmija fis-sub-artikolu (3), tneħħew il-kliem "Fin-nuqqas ta' dik l-oppożizzjonil-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-talba". Għalhekk, il-Qorti xorta waħda trid tqis is-siwi tat-talbiet tal-eżekutati fuq is-saħħa tagħhom u fil-parametri li dan l-eżerċizzju jrid isir fil-qafas tal-artikolu 836 tal-Kodiċi Proċedurali;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[3]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u dan ukoll minħabba l-fatt li DIS diġa' ressqet il-pretensjonijiet tagħha kontra l-eżekutati f'kawża li qiegħda tinstema' minn Qorti oħra[4]. Għalhekk, il-Qorti ma hija bl-ebda mod se tidħol biex tippronunzja ruħha dwar jekk ix-xiljiet ta' DIS fil-konfront tal-eżekutat humiex minnhom jew le, għaliex dak huwa xogħol li l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża msemmija trid twettaq bla ndħil minn din il-Qorti;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-

[3] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[4] Rik. Nru. 617/09LFS

liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi r-rikorrenti jsemmu żewġ kawżali li dwarhom jistennew li t-talbiet tagħhom jitqiesu:

A) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutati jressqu din il-kawżali fuq il-fatt li DIS bl-ebda mod ma wriet jew fissret kif waslet biex tressaq pretensjoni f'dik is-somma msemmija fil-Mandat minnha mitlub. Jorbtu ma' dan l-argument li, ladarba huma ma kienu qatt u bl-ebda mod impjegati ma' DIS, allura xejn ma jista' jintalab mingħandhom minnha;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[6];

---

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi l-Qorti tifhem li l-pretensjonijiet ta' DIS ma jinbnewx fuq ir-rabta kuntrattwali mnissla bil-kuntratt tal-impieg, imma bil-kawżali tal-ħsara akwiljana. Għalhekk, l-argumenti kollha tal-eżekutati dwar jekk kienx qatt hemm rabta legali bejniethom u DIS imorru lil hinn mill-istħarriġ li din il-Qorti trid twettaq f'din il-proċedura preżenti. Huwa plawsibbli li jekk kemm-il darba l-ħwejjeġ li DIS sabet nieqsa jew li nstabu f'idejn xi wieħed mill-eżekutati bla ma ngħatat tweġiba tajba kif dawn kienu f'idejhom, kienu ħwejjeġ ta' DIS, il-kwestjoni tar-rabta ġuridika minħabba kuntratt tal-impieg titlef ir-rilevanza tagħha. Il-pretensjoni ta' DIS bħala sid dak it-tagħmir "misruq" hija waħda li trid titressaq minnha u mhux minn xi kumpannija tal-grupp tagħha li magħha, għal xi żmien, setgħu kienu impjegati l-eżekutati;

Illi, madankollu, hija ħaġa ċerta li jekk kemm-il darba jista' jkun minnu li t-tagħmir naqas fi jew għall-ħabta ta' Frar tal-2009, dan ifisser tabilfors li dak in-nuqqas seħħ qabel ma twaqqfet il-kumpannija eżekutata Atlantic Scaffolding Limited. Minn dan wieħed ma jifhimx kif DIS tista' tressaq pretensjonijiet ta' misapproprjazzjoni (apparti kwestjoni ta' responsabbilta' delittwali jew akwiljana fil-każ ta' persuna ġuridika) li seħħet fi żmien qabel dik il-kumpannija kienet twaqqfet;

Illi dwar jekk l-ammont huwiex wieħed imkabbar iżżejjed jew le, l-Qorti m'hijiex f'qagħda li tiddetermina, ukoll mill-qari b'reqqa tal-istqarrijiet magħmulin lill-Pulizija mir-rikorrent

Laccheb[7] u mill-ħabib tiegħu Fouad Hassanin Youssef[8], jekk il-kwantita' ta' tagħmir misjub nieqes minn DIS kienx jammonta għal dak l-ammont pretiż fil-Mandat. Għalhekk, ma jidhrilhiex li għandha arbitrarajament tindaħal f'dik il-valutazzjoni;

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[9];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti eżekutata safejn tolqot lill-kumpannija Atlantic Scaffolding Limited, iżda mill-bqija żżomm fis-seħħ l-istess Mandat fil-konfront taż-żewġ eżekutati l-oħrajn;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq l-oħra. L-eżekutati jqisu li l-Mandat huwa għal kollox fieragħ u jtennu li huwa manifestament irraġonevoli għaliex inħareġ biss biex jagħmlilhom il-bsaten fir-roti b'mod vendikattiv biex

[7] Dok "RL3" f'paġġ. 9 – 12 tal-atti
[8] Dok "RL4", f'paġġ. 13 – 6 tal-atti
[9] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

iżommhom milli b'xi mod jidħlu fl-istess qasam ta' xogħol li fih taħdem DIS;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[10]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi għal darb'oħra jingħad li biex il-Qorti tilqa' dak li jissemma fir-Rikors, trid tkun qiegħda tidħol fil-mertu tal-każ;

Illi, naturalment, dan ma jgħoddx għall-kumpannija eżekutata li, fil-konfront tagħha u għall-istess raġunijiet miġjuba 'l quddiem aktar qabel taħt il-kawżali l-oħra, t-talba tagħha sejra tintlaqa';

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutati Laccheb u Mifsud seħħilhom jagħtu raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq din il-kawżali;

---

[10] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbu l-ewwelnett il-kundanna ta' DIS għall-ħlas ta' penali[11]; u talbu ukoll it-tqegħid min-naħa tagħha ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jistgħu juru li sejrin iġarrbu minħabba l-Mandat[12]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[13]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jsemmu l-ebda waħda mill-erba' kawżali maħsuba, għalkemm jidher li jirreferu għar-raba' waħda maħsuba fl-artikolu 836(8)(d) meta jsemmu li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u abbużiv bħala estorsjoni bla ma saret imqar interpellazzjoni qabel il-ħruġ ta' dak il-Mandat;

Illi għalkemm huwa minnu li l-ittra uffiċjali mibgħuta minn DIS[14] tressqet l-għada li ntalab il-ħruġ tal-mandat, ma jistax jingħad li l-eżekutati Laccheb u Mifsud ma kinux jafu sa minn għadd ta' jiem qabel bil-pretensjonijiet ta' DIS, l-iżjed

[11] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[12] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[13] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[14] Dok "RL1", f'paġġ. 5 – 7 tal-atti

minħabba r-rapport li din kienet għamlet dwar is-sejbien ta' tagħmir nieqes minn fejn kienet ħallietu;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[15]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[16];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tkun kundannata tħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi opportuna jressqu pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jisħqu li l-ħruġ tal-Mandat rabtilhom idejhom għal kollox finanzjarjament;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-

[15] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[17]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[18]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[19], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-

[17] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[18] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[19] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

kundanna għall-ħlas ta’ penali u lanqas għad-danni[20] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li ladarba hija sejra tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-Mandat fir-rigward tal-kumpannija eżekutata, u ladarba, mill-provi dokumentali mressqa[21] jidher ċar li n-negozju ewlieni tar-rikorrenti qiegħed jitwettaq minn u f’isem dik il-kumpannija, ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista’ tilqa’ t-talba tar-rikorrenti l-oħrajn taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati Laccheb, Mifsud u Atlantic Scaffolding Limited billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** fil-konfront tal-kumpannija eżekutata Atlantic Scaffolding Limited, u tordna t-tħassir tal-Mandat fir-rigward tagħha, imma żżommu sħiħ fir-rigward taż-żewġ rikorrenti eżekutati Laccheb u Mifsud;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-intimata eżekutanti **tħallas l-ispejjeż** ta’ din il-proċedura.

---

[20] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[21] Ara d-Dokti “RL6” sa “RL23”, f’paġġ. 18 sa 39 tal-atti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------